Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

MT

15282/14
(OR. en)

PRESSE 581
PR CO 56

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-3344 laqgħa tal-Kunsill

Agrikoltura u Sajd

Brussell, 10 ta' Novembru 2014

President **Maurizio MARTINA**
Ministru għall-Politika Agrikola, Alimentari u dwar il-Forestrija

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B – 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 8352 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu http://www.consilium.europa.eu/press

Riżultati Prinċipali tal-Kunsill

Sajd

Il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar ***l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 u l-2016 għall-istokkijiet tal-baħar fond****. Il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li dan l-aħħar ġiet riformata tipprevedi li l-kwantitajiet ta’ ħut minn stokkijiet speċifiċi li jistgħu jinqabdu għandhom jieħdu kont tal-pariri xjentifiċi u r-rendiment massimu sostenibbli (MSY).*

*Il-President tal-Kunsill, is-Sur Martina qal: "*Nixtieq nesprimi s-sodisfazzjon tiegħi dwar il-qbil politiku li ntlaħaq illum, li huwa pass ieħor 'il quddiem fl-implimentazzjoni tal-PKS il-ġdida. It-test ta’ kompromess propost mill-Presidenza bi qbil mal-Kummissjoni, jimxi fid-direzzjoni ta’ protezzjoni akbar tal-istokkijiet ta' ħut, speċjalment għall-ispeċijiet li huma partikolarment f’riskju.*"*

Agrikoltura

Il-Kunsill kellu skambju ta’ fehmiet dwar ***il-finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG)****. L-ittra emendatorja tal-Kummissjoni għall-abbozz ta’ baġit tal-UE 2015 tipproponi tnaqqis fil-baġit tal-PAK. Bosta Stati Membri esprimew tħassib dwar il-konsegwenzi potenzjali ta’ din il-proposta, li ser twassal għall-użu tar-riżerva ta' kriżi għall-2015 u ser twassal għal tnaqqis fil-pagamenti diretti.*

*"*Għal maġġoranza kbira tal-Istati Membri, il-proposta tal-Kummissjoni ma tissodisfax il-ħtiġijiet tas-settur agrikolu, li diġà jinsab taħt pressjoni minħabba l-impatt tal-projbizzjoni Russa. Bħala l-President attwali tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, ser nibgħat ittra lill-President tal-Kunsill ECOFIN li fiha nesprimi l-pożizzjoni tal-ministri tal-agrikoltura fil-kuntest tal-proċess ta’ konċiljazzjoni li għaddej mal-Parlament Ewropew*", qal il-Ministru Martina.*

Fl-aħħar nett, dwar ***il-bdiewa żgħażagħ,*** *il-President tal-Kunsill qal. "*Innotajt appoġġ inizjali wiesgħa mill-kollegi tiegħi dwar id-dokument li ppreżentajna għat-tisħiħ tal-politiki tal-UE maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ, b'mod partikolari dwar il-proposta sabiex jingħelbu l-ostakoli għall-aċċess għall-kreditu, l-art u l-għarfien. Dawn il-miżuri huma essenzjali biex tiġi appoġġata l-ħidma ta’ bdiewa żgħażagħ u biex tipprovdi futur għall-agrikoltura Ewropea. Ninsab sodisfatt li l-Istati Membri l-oħra għarfu li l-qgħad fost iż-żgħażagħ għandu jiġi indirizzat permezz ta' miżuri urġenti.*"*

Punti oħra

Mingħajr diskussjoni, il-Kunsill stabbilixxa regoli ġodda biex jiffaċilita ***talbiet għad-danni mill-vittmi ta’ ksur tal-antitrust****. Il-Kunsill adotta wkoll Regolament bil-għan li* ***jtejjeb it-trasparenza tas-suq għall-investituri fil-livell tal-konsumatur****.*

WERREJ [1]

PARTEĊIPANTI 5

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

SAJD 7

Opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2015-2016 7

AGRIKOLTURA 11

Finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija 11

Eżenzjoni mit-taxxa ta' Ċipru fuq il-karburant fl-agrikoltura 12

AFFARIJIET OĦRAJN 13

– Bdiewa żgħażagħ 13

– Dikjarazzjoni dwar il-produzzjoni organika 13

– Projbizzjoni Russa fuq il-ħawħ u n-nuċiprisk 14

– Dominji tal-ICANN 14

– Protezzjoni tan-naħla tal-għasel fl-Ewropa 15

– Miżuri kontra d-dudu tal-għeruq tal-qamħirrum 15

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

SAJD

– Opportunitajiet ta' sajd fil-Baħar Baltiku għall-2015 16

KOMPETIZZJONI

– Talbiet għad-danni għal ksur tal-liġi dwar l-antitrust 16

RIĊERKA

– UE-Gżejjer Faeroe - Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika 17

[1]
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
- Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qegħdin fis-sit tal-Internet tal-Kunsill http://www.consilium.europa.eu.
- Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qegħdin fuq is-sit tal-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Istampa.

IMPJIEG

– Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Greċja u l-Irlanda 17

TRASPORT

– Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali - Pożizzjoni tal-UE..... 18

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

– Regoli ta' trasparenza għal prodott ta’ investiment..... 18

POLITIKA KUMMERĊJALI

– Repubblika tal-Korea - Ftehim ta’ kummerċ ħieles - Kroazja..... 19

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

– Kooperazzjoni bejn il-Moldova u l-Europol..... 19

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

– Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp 19

POLITIKA SOĊJALI

– UE - Svizzera: koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali..... 19

PARTEĊIPANTI

Belġju:	
Is-Sinjura Joke SCHAUVLIEGE	Ministru Fjamming għall-Ambjent, in-Natura u l-Agrikoltura
Is-Sur René COLLIN	Ministru għall-Agrikoltura, in-Natura, l-Affarijiet Rurali, it-Turiżmu u l-Infrastruttura Sportiva
Is-Sur Willy BORSUS	Ministru għall-Klassijiet Medji, Dawk li Jaħdmu għal Rashom, l-SMEs, l-Agrikoltura u l-Integrazzjoni Soċjali
Bulgarija:	
Is-Sinjura Petia VASSILEVA	Viċi Rappreżentant Permanenti
Repubblika Ċeka:	
Is-Sur Marian JUREČKA	Ministru għall-Agrikoltura
Danimarka:	
Is-Sur Ole TOFT	Viċi Rappreżentant Permanenti
Ġermanja:	
Is-Sur Christian SCHMIDT	Ministru Federali għall-Ikel u l-Agrikoltura
Estonja:	
Is-Sur Ivari PADAR	Ministru għall-Agrikoltura
Is-Sur Clyde KULL	Viċi Rappreżentant Permanenti
Irlanda:	
Is-Sur Simon COVENEY	Ministru għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent tal-Baħar
Greċja:	
Is-Sur Georgios KARASMANIS	Ministru għall-Iżvilupp Rurali u l-Ikel
Spanja:	
Is-Sinjura Isabel GARCÍA TEJERINA	Ministru għall-Agrikoltura, l-Ikel u l-Ambjent
Franza:	
Is-Sur Stéphane LE FOLL	Ministru għall-Agrikoltura, l-Industrija tal-Ipproċessar tal-Ikel u l-Forestrija – Kelliem tal-Gvern
Is-Sur Alain VIDALIES	Segretarju għall-Istat b'responsabilità għat-Trasport, il-Baħar u s-Sajd
Kroazja:	
Is-Sur Goran ŠTEFANIĆ	Viċi Rappreżentant Permanenti
Italja:	
Is-Sur Maurizio MARTINA	Ministru għall-Politika Agrikola, Alimentari u dwar il-Forestrija
Ċipru:	
Is-Sur Nicos KOUYIALIS	Ministru għall-Agrikoltura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent
Latvja:	
Is-Sur Juris ŠTĀLMEISTARS	Viċi Rappreżentant Permanenti
Il-Litwanja:	
Is-Sinjura Virginija BALTRAITIENĖ	Ministru għall-Agrikoltura
Lussemburgu:	
Is-Sur Fernand ETGEN	Ministru għall-Agrikoltura, il-Vitikultura u l-Protezzjoni tal-Konsumaturi, Ministru responsabbli għar-Relazzjonijiet mal-Parlament
Ungerija:	
Is-Sur Márton BITAY	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Agrikoltura
Is-Sur Olivér VÁRHELYI	Viċi Rappreżentant Permanenti
Malta:	
Is-Sur Roderick GALDES	Segretarju Parlamentari għall-Biedja, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima
Olanda:	
Is-Sinjura Sharon DIJKSMA	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi

Awstrija:	
Is-Sur Andrä RUPPRECHTER	Ministru Federali għall-Agrikoltura, il-Forestrija, l-Ambjent u l-Ġestjoni tal-Ilma
Polonja:	
Is-Sur Marek SAWICKI	Ministru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
Portugall:	
Is-Sur José DIOGO ALBUQUERQUE	Segretarju tal-Istat għall-Agrikoltura
Is-Sur Manuel PINTO DE ABREU	Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Marittimi
Rumanija:	
Is-Sur Daniel BOTĂNOIU	Segretarju tal-Istat, Ministeru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
Slovenja:	
Is-Sur Dejan ŽIDAN	Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Agrikoltura, il-Forestrija u l-Ikel
Slovakkja:	
Is-Sur Ľubomír JAHNÁTEK	Ministru għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali
Finlandja:	
Is-Sur Petteri ORPO	Ministru għall-Agrikoltura u l-Forestrija
Svezja:	
Is-Sur Sven-Erik BUCHT	Ministru għall-Affarijiet Rurali
Renju Unit:	
Is-Sur Rupert MAULEY	Sottosegretarju Parlamentari tal-Istat għall-Ambjent Naturali u x-Xjenza, id-Dipartiment għall-Ambjent, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali
Is-Sur Richard LOCHHEAD	Segretarju tal-Kabinett għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Kummissjoni:	
Is-Sur Phil HOGAN	Membru
Is-Sur Karmenu VELLA	Membru
Is-Sur Vytenis ANDRIUKAITIS	Membru

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

SAJD

Opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond għall-2015-2016

Il-Ministri laħqu qbil politiku dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet ta' ċerti ħut tal-baħar fond għall-2015 u l-2016 (*13852/14*) abbażi ta' kompromess tal-Presidenza, imfassal bi qbil mal-Kummissjoni.

Il-Kunsill ser jadotta dan ir-Regolament, wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss. Dan ir-Regolament se japplika mill-1 ta' Jannar 2015. It-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) u l-kwoti għall-ispeċijiet tal-baħar fond ġew iffissati darba kull sentejn fil-livell tal-UE mill-2003.

F'konformità mal-Artikolu 43(3) tat-Trattat, il-Kunsill mistenni jadotta miżuri dwar proposta mill-Kummissjoni dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-baħar fond.

Dan il-qbil politiku jikkonċerna ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond bħal ċerti klieb il-baħar tal-baħar fond, iċ-ċinturin iswed (*Aphanopus carbo*), ir-roundnose grenadier (*Coryphaenoides rupestris*) u r-roughhead grenadier (*Macrorous berglax*), alfonsinos (*Beryx spp.*), il-paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) u l-lipp abjad (*Phycis blennoides*).

It-TACs maqbula għall-ispeċi prinċipali tal-baħar fond jinsabu fit-tabella 1 u t-tabella 2.

Tabella 1

Speċi (isem komuni)	Speċi (Isem Latin)	Żona tas-sajd tal-ICES	TACs tal-UE għall-2014 (f'tunnellati)	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE għall-2015 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE għall-2015 (f'tunnellati)	Varjazzjoni tal-2014-2015 fil-proposta tal-KUMM (mira f'%)	Differenza tal-2014-2015 fil-ftehim tal-Kunsill (%)	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE għall-2016 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE għall-2016 (f'tunnellati) (1)	Varjazzjoni tal-2015-2016 fil-proposta tal-KUMM (mira f'%)	Differenza tal-2015-2016 fil-ftehim tal-Kunsill (%)
TACs u kwoti għall-2015 u l-2016 għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond: Deċiżjoni tal-Kunsill u proposta inizjali tal-Kummissjoni											
Klieb il-baħar tal-baħar fond		V, VI, VII, VIII, IX (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0					0		
Klieb il-baħar tal-baħar fond		X (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0					0		
Klieb il-baħar tal-baħar fond		XII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0					0		
Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*	I, II, III u IV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	9	9	9	0%	**0%**	9	9	0%	**0%**
Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*	V, VI, VII, u XII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	3966	3173	3649	-20%	**-8%**	2538	3357	-20%	**-8%**
Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*	VIII, IX u X (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	3700	3200	3700	-14%	**0%**	2768	3700	-14%	**0%**
Ċinturin iswed	*Aphanopus carbo*	CECAF 34.1.2 (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali) - Madejra	3490	2792	3141	-20%	**-10%**	2234	2827	-20%	**-10%**
Alfonsinos	*Beryx spp*	III, IV, V, VI, VII, VIII, IX, X, XII u XIV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	296	280	296	-5%	**0%**	280	296	0%	**0%**
Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*	I, II u IV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	13	13	13	0%	**0%**	13	13	0%	**0%**
Roundnose grenadier	*Coryphaenoides rupestris*	III (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	544	435	435	-20%	**-20%**	348	348	-20%	**-20%**
Roundnose grenadier (2)	*Coryphaenoides rupestris*	Vb, VI, VII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	4297	3794	3794	-12%	**-12%**	3858	3858	2%	**2%**

Speċi	Speċi (Isem Latin)	Żona tas-sajd tal-ICES	TACs tal-UE għall-2014 (f'tunnellati)	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE għall-2015 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE għall-2015 (f'tunnellati) (1)	Varjazzjoni tal-2014-2015 fil-proposta tal-KUMM (mira f'%)	Differenza tal-2014-2015 fil-ftehim tal-Kunsill (%)	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE għall-2016 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE għall-2016 (f'tunnellati) (1)	Varjazzjoni tal-2015-2016 fil-proposta tal-KUMM (mira f'%)	Differenza tal-2015-2016 fil-ftehim tal-Kunsill (%)
TACs u kwoti għall-2015 u l-2016 għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond: Deċiżjoni tal-Kunsill u proposta inizjali tal-Kummissjoni											
Roundnose grenadier (2)	*Coryphaenoides rupestris*	VIII, IX, X, XII u XIV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	3223	2578	2901	-20%	**-10%**	2062	2611	-20%	**-10%**
Mera tal-Atlantiku	*Hoplostethus atlanticus*	VI (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0	0			0	0		
Mera tal-Atlantiku	*Hoplostethus atlanticus*	VII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0	0			0	0		
Mera tal-Atlantiku	*Hoplostethus atlanticus*	I, II, III, IV, V, VIII, IX, X, XII, XIV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	0	0	0			0	0		
Paġella ħamra	*Pagellus bogaraveo*	VI, VII u VIII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	178	143	169	-20%	**-5%**	114	160	-20%	**-5%**
Paġella ħamra	*Pagellus bogaraveo*	IX (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	780	300	374	-62%	**-52%**	115	183	-62%	**-51%**
Paġella ħamra	*Pagellus bogaraveo*	X (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	920	610	690	-34%	**-25%**	400	517	-34%	**-25%**
Lipp tal-qawwi	*Phycis blennoides*	I, II, III u IV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	31	34	37	10%	**20%**	34	37	0%	**0%**
Lipp tal-qawwi	*Phycis blennoides*	V, VI, u VII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	2028	2239	2434	10%	**20%**	2239	2434	0%	**0%**
Lipp tal-qawwi	*Phycis blennoides*	VIII u IX (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	267	295	320	10%	**20%**	295	320	0%	**0%**
Lipp tal-qawwi	*Phycis blennoides*	X u XII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	54	60	65	10%	**20%**	60	65	0%	**0%**

(1) iċ-ċifri kkalkulati f'tunnellati jistgħu jiġu susseġwentement aġġustati bi ftit

(2) Għal dawn l-istokkijiet ta' Roundnose grenadier, l-ammonti li għandhom jiżdiedu għar-roughead grenadier: iċ-ċifri indikati fit-tabella 2.

Tabella 2

Speċi	Speċi (Isem Latin)	Żona tas-sajd tal-ICES	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE ghall-2015 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE ghall-2015 (f'tunnellati)	Proposta tal-Kummissjoni dwar it-TACs tal-UE ghall-2016 (f'tunnellati)	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-TACs tal-UE ghall-2016 (f'tunnellati) (1)	Differenza tal-2015-2016 fil-ftehim tal-Kunsill (%)
Roughhead grenadier	*Macrorous berglax*	Vb, VI, VII (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	216	216	220	220	2%
Roughhead grenadier	*Macrorous berglax*	VIII, IX, X, XII u XIV (ilmijiet tal-UE u ilmijiet internazzjonali)	743	743	669	669	-10%

AGRIKOLTURA

Finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

Il-Ministri kellhom skambju ta’ fehmiet dwar il-finanzjament tal-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija (FAEG) fil-kuntest tal-ittra emendatorja tal-Kummissjoni Nru 1 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-UE għall-2015.

Bosta esprimew tħassib kbir dwar il-konsegwenzi potenzjali għall-agrikoltura ta’ din id-Deċiżjoni u 22 mill-Istat Membri ffirmaw dikjarazzjoni konġunta li tenfasizza r-riżervi tagħhom rigward l-ittra emendatorja. Il-President tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd ser iwassal dan it-tħassib f’ittra lill-President tal-Kunsill għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji flimkien mad-dikjarazzjoni.

Il-FAEG primarjament jiffinanzja pagamenti diretti lill-bdiewa u miżuri li jirregolaw jew jappoġġaw swieq agrikoli, li huma l-għodod ewlenin tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Fil-PAK riformata, ġiet stabbilita riżerva ta' kriżi ġdida fi ħdan il-FAEG biex jiġu żgurati r-riżorsi finanzjarji meħtieġa f’każ ta’ kriżi agrikola. L-użu tar-riżerva ta’ kriżi jfisser tnaqqis minn pagamenti diretti, fejn l-ammonti mhux użati jiġu rimborżati lill-bdiewa fis-snin baġitarji li jmiss.

L-ittra emendatorja Nru 1 għall-2015 (*14401/14*) taġġorna l-abbozz ta’ baġit propost mill-Kummissjoni għall-2015, b’mod partikolari fir-rigward tan-nefqa agrikola, it-tnaqqis tal-impenji kollha b’EUR 448.5 miljun u r-riallokazzjoni ta’ pagamenti ta’ EUR 397 miljun mill-intestatura 2 (Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali) sabiex jiġu sodisfatti ħtiġijiet taħt intestaturi oħra. It-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet fl-intestatura 2 jiġi kkumpensat bi dħul addizzjonali, partikolarment mis-sopratassa tal-ħalib (taxxa mħallsa meta l-kwoti tal-ħalib jkunu nqabżu minn produtturi fi Stat Membru). Barra minn hekk, EUR 344.3 miljun mill-EUR 433 miljun fir-riżerva ta' kriżi agrikola għandhom jintużaw għall-finanzjament ta' miżuri ta’ emerġenza tas-suq bħala rispons għall-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni tal-ikel.

Eżenzjoni mit-taxxa ta' Ċipru fuq il-karburant fl-agrikoltura

Fuq talba tad-delegazzjoni Ċiprijotta, l-għajnuna mill-istat lill-bdiewa fil-forma ta’ eżenzjoni mit-taxxa fuq karburant użat għal finijiet agrikoli ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Agrikoltura u s-Sajd (*13778/14*).

AFFARIJIET OĦRAJN

– ***Bdiewa żgħażagħ***

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar id-diffikultajiet attwali li għadhom qed jiġu ffaċċjati minn bdiewa żgħażagħ fil-qafas tal-PAK il-ġdida speċjalment f'termini ta' aċċess għall-kreditu, l-art u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki (*15127/14*).

Biex jingħelbu dawn l-ostakoli, il-Presidenza ressqet nota li tissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għall-ostakoli li ssemmew qabel. Miżuri addizzjonali possibbli jkunu: li jingħata aċċess aħjar għal finanzjament u self permezz tal-Bank Ewropew tal-Investiment, it-titjib tar-regoli tal-għajnuna mill-istat sabiex jiffaċilitaw ix-xiri tal-art u jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki permezz ta' proġett fl-Ewropa kollha simili għall-"Erasmus".

L-Istati Membri ġeneralment laqgħu l-inizjattiva tal-Presidenza li tista' tiġi żviluppata aktar fil-futur.

– ***Dikjarazzjoni dwar il-produzzjoni organika***

Id-delegazzjoni Slovakka infurmat lill-Kunsill dwar dikjarazzjoni konġunta mill-Ministri għall-Agrikoltura tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja, il-Bulgarija, ir-Rumanija u s-Slovenja dwar il-proposta għal regolament dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi (*7956/14* + *7956/14 ADD 1*).

Diversi Stati Membri kkondividew xi ħassib espress minn dawk il-pajjiżi fid-dikjarazzjoni konġunta.

Id-dikjarazzjoni tenfasizza t-tħassib ta' dawk l-Istati Membri dwar bidliet li jistgħu jiġu introdotti mir-Regolament propost u li jistgħu jaffettwaw il-produzzjoni organika. Huma jenfasizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa li:

– jinżamm approċċ ibbażat fuq il-proċess għall-kontrolli fuq il-produzzjoni organika;

– jinżammu xi derogi bħall-possibbiltà li jintużaw żrieragħ mhux organiċi fil-produzzjoni organika;

– tinżamm il-possibbiltà li jkun hemm irziezet li jgħaqqdu kemm il-produzzjoni organika kif ukoll dik mhux organika fl-istess impriża agrikola;

– jitnaqqas l-għadd ta' atti delegati previsti fir-Regolament u jiġu inklużi iktar dispożizzjonijiet fl-att legali bażiku.

– ***Projbizzjoni Russa fuq il-ħawħ u n-nuċiprisk***

Fuq talba tad-delegazzjoni Griega, il-Kunsill iddiskuta l-possibbiltà ta' miżuri addizzjonali maħsuba għall-appoġġ tas-settur tal-ħawħ u tan-nuċiprisk milqut mill-projbizzjoni Russa fuq il-prodotti agrikoli tal-UE (*12792/14*).

F'dan ir-rigward, il-Greċja qieset li l-miżuri inizjali ta' emerġenza tas-suq fuq il-ħawħ u n-nuċiprisk segwiti minn miżuri ulterjuri fuq frott u ħxejjex oħra adottati f'Awwissu ta' din is-sena ma taffewx l-effett serju tal-projbizzjoni Russa li qed taffettwa l-produtturi tagħha.

Il-Kummissjoni, waqt li tfakkar ir-reazzjoni rapida tagħha għall-projbizzjoni Russa kif ukoll id-diffikultajiet baġitarji attwali, innotat li s-sitwazzjoni tas-settur tal-ħawħ u ċ-ċiprisk fil-Greċja ma tiġġustifikax miżuri speċifiċi ta' kumpens għall-produtturi Griegi, b'kont meħud ukoll li bosta Stati Membri kellhom tħassib simili.

– ***Dominji tal-ICANN***

Il-Presidenza talbet lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Kunsill dwar il-programm ġdid tal-ICANN (Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati) għall-allokazzjoni tad-Dominji tal-Ogħla Livell Ġeneriku (gTLDs) bħal ".wine" u ".vin". Din l-iskema tippreżenta xi aspetti kritiċi dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, u dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi (*15191/14*).

Il-Kummissjoni kkonfermat li kienet qiegħda ssegwi mill-qrib din il-kwistjoni sabiex jiġu evitati konsegwenzi negattivi possibbli fuq il-produzzjoni agroalimentari Ewropea, b'mod partikolari fis-suq tal-inbid u li ser twettaq kwalunkwe azzjoni possibbli biex tiggarantixxi l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ġeografiċi tal-UE.

– ***Protezzjoni tan-naħla tal-għasel fl-Ewropa***

Il-Ministri ġew infurmati mid-delegazzjoni Slovena dwar l-eżitu ta' konferenza ministerjali "Il-Protezzjoni tan-naħla tal-għasel fl-Ewropa" li saret fit-22 ta' Awwissu 2014 f'Maribor, is-Slovenja (*14966/14*)

Il-parteċipanti ta' din il-konferenza ddiskutew l-importanza tan-naħal tal-għasel u tal-apikultura, il-fatturi ta' riskju li jwasslu għat-telf tan-naħal tal-għasel u l-proposti għall-protezzjoni tagħhom.

Il-Kummissjoni ssottolinjat l-impenn tagħha biex tiżgura s-saħħa tan-naħal tal-għasel: pereżempju, ġew deċiżi miżuri biex jiġi sospiż l-użu ta' pestiċidi, b'segwitu għal valutazzjoni xjentifika li turi li s-sustanzi jistgħu jaffettwaw lin-naħal.

– ***Miżuri kontra d-dudu tal-għeruq tal-qamħirrum***

Id-delegazzjoni Awstrijaka u dik Ungeriża informaw lill-Kunsill dwar miżuri ta' kontroll biex jinqered id-dudu tal-għeruq tal-qamħirrum.

Fil-kuntest tal-firxa tad-dudu tal-għeruq tal-qamħirrum, l-Awstrija u l-Ungerija xtaqu jaraw intensifikazzjoni ta' riċerka fuq il-parassita. Diversi Stati Membri appoġġaw it-talba tagħhom għal proċeduri aktar rapidi u armonizzazzjoni aħjar għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti xierqa għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Istati Membri affettwati.

Il-Kummissjoni ħadet nota tal-punt sa fejn wasal id-dannu tar-raba' marbut mat-tixrid ta' dan il-parassita u ssottolinjat li l-qafas attwali għal prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għandu joffri armonizzazzjoni aħjar.

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI

SAJD

Opportunitajiet ta' sajd fil-Baħar Baltiku għall-2015

Il-Kunsill adotta Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet ta' ħut fil-Baħar Baltiku (*14539/14*).

Intlaħaq qbil politiku dwar dan ir-Regolament fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd f'Ottubru (*14199/14*). Ir-regolament jistabbilixxi għall-2015 il-kwantitajiet massimi ta' ħut minn stokkijiet speċifiċi li jistgħu jinqabdu fil-Baħar Baltiku (qabdiet totali permissibbli jew TACs u kwoti), kif ukoll il-limiti tal-isforz tas-sajd għall-istokkijiet ta' merluzz tal-Baltiku (limiti fuq l-attività tas-sajd billi jitnaqqas l-għadd ta' jiem fuq il-baħar). Il-miżuri ġew stabbiliti b'kont meħud tal-pariri xjentifiċi disponibbli u, b'mod partikolari, ir-rapporti mfassla mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Barra minn hekk, tqiesu d-dispożizzjonijiet introdotti mill-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) riformata reċentement bħall-obbligu ta' ħatt l-art.

Skont l-Artikolu 43(3) tat-Trattat ta' Lisbona, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd. Il-parteċipazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali m'humiex għalhekk meħtieġa għal din l-ispeċi.

KOMPETIZZJONI

Talbiet għad-danni għal ksur tal-liġi dwar l-antitrust

Il-Kunsill stabbilixxa regoli ġodda madwar l-UE kollha biex jiffaċilita talbiet għad-danni mill-vittmi ta' ksur tal-antitrust.

Id-direttiva l-ġdida ser tarmonizza u tiżgura l-infurzar effettiv tar-regoli ta' ksur tal-antitrust fi ħdan l-UE, biex b'hekk tippermetti lill-vittmi ta' kartelli biex jirċievu kumpens sħiħ kemm għat-telf proprju li ġarrbu kif ukoll għat-telf ta' profitti.

Għal aktar dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa 15143/14.

RIĊERKA

UE-Gżejjer Faeroe - Ftehim ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Gżejjer Faeroe li jassoċja lill-Gżejjer Faeroe mal-"Orizzont 2020", il-programm qafas tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni għas-snin 2014-2020 *(14014/14)*.

Il-ftehim għandu jiġi applikat retroattivament mill-1 ta' Jannar 2014, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

IMPJIEG

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Greċja u l-Irlanda

Il-Kunsill adotta żewġ deċiżjonijiet li jimmobilizzaw ammont totali ta' EUR 8.79 miljun taħt il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), li jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja fil-Greċja u fl-Irlanda.

EUR 7.29 miljun huma mobilizzati wara li 761 ħaddiem ta' kumpannija Griega li topera fis-settur tal-bejgħ fil-livell tal-konsumatur tkeċċew b'riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali li għadha għaddejja. EUR 1.50 miljun oħra ser jitħallsu mill-FEG wara t-tkeċċija ta' 171 ħaddiem ta' impriża Irlandiża li timmanifattura l-ġojjellerija.

Il-FEG jgħin lill-ħaddiema jsibu impjiegi ġodda u jiżviluppaw ħiliet ġodda meta jkunu tilfu l-impjieg tagħhom bħala riżultat ta' bidliet fix-xejriet kummerċjali globali, pereżempju meta kumpannija kbira tagħlaq jew fabbrika titmexxa barra l-UE, jew bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. L-għajnuna tal-FEG tikkonsisti f'miżuri ta' kofinanzjament bħal assistenza għat-tiftix ta' impjieg, pariri dwar il-karrieri, taħriġ personalizzat u taħriġ mill-ġdid, iggwidar u promozzjoni tal-intraprenditorija. Hija tipprovdi wkoll appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, bħal allowances għat-tfittix ta' impjieg, allowances għall-mobilità u allowances għal parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' tagħlim u taħriġ tul il-ħajja.

TRASPORT

Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali - Pożizzjoni tal-UE

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni tal-UE għall-94 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (*14555/14*). Il-pożizzjoni tikkonċerna emendi tal-Programm Imtejjeb ta' Kontroll tal-2011 (ESP) li għandhom jiġu adottati matul il-laqgħa tal-Kumitat f'Londra fis-17-21 ta' Novembru u ser ikollhom effett dirett jew indirett fuq il-leġislazzjoni attwali tal-UE.

Dawn l-emendi għandhom l-għan li bihom il-Kodiċi tal-ESP isir konformi mal-prattiki attwali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tas-Soċjetajiet ta' Klassifikazzjoni u jippermettu, taħt ċerti kundizzjonijiet, testijiet idrostatiċi tat-tankijiet tal-merkanzija mill-ekwipaġġ tal-bastiment, taħt it-tmexxija tal-kaptan, minflok ma jeħtieġu l-preżenza ta' sorveljant.

AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Regoli ta' trasparenza għal prodott ta' investiment

Il-Kunsill adotta Regolament maħsub għat-titjib tat-trasparenza tas-suq għall-investituri fil-livell ta' konsumatur (*14679/14* + *PE-CONS 91/14*).

Dan ir-Regolament jagħmel parti minn pakkett ta' miżuri li jagħti spinta lill-fiduċja tal-konsumatur fis-swieq finanzjarji. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-investituri fil-livell ta' konsumatur dejjem jirċievu l-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati.

It-test ikopri prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), speċifikament fondi ta' investiment, depożiti strutturati u polzi tal-assigurazzjoni tal-ħajja b'element ta' investiment. Dan jirrikjedi dokumenti bit-tagħrif ewlieni (KIPs) li għandhom jitfasslu għall-PRIIPs li jistabbilixxu regoli uniformi dwar il-format u l-kontenut tal-KIPs u dwar il-provvista tagħhom lill-investituri fil-livell ta' konsumatur.

L-adozzjoni tar-Regolament issegwi qbil li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Għad-dettalji, ara l-istqarrija għall-istampa *15259/14*.

POLITIKA KUMMERĊJALI

Repubblika tal-Korea - Ftehim ta' kummerċ ħieles - Kroazja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tikkonkludi, f'isem l-UE u l-Istati Membri, protokoll addizzjonali għall-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea biex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE (*14972/14* + *6035/14* + *6037/14*).

ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI

Kooperazzjoni bejn il-Moldova u l-Europol

Il-Kunsill approva l-ftehim dwar kooperazzjoni operattiva u strateġika bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) *(14129/14),* li għandu l-għan li jappoġġa lill-Istati Membri u l-Moldova għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u forom oħra ta' kriminalità internazzjonali.

Il-kooperazzjoni tista' tinkludi, minbarra l-iskambju ta' informazzjoni, rapporti dwar is-sitwazzjoni ġenerali, riżultati ta' analiżi strateġika, tagħrif dwar proċeduri ta' investigazzjoni kriminali u dwar metodi ta' prevenzjoni tal-kriminalità, parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' taħriġ, kif ukoll l-għoti ta' pariri u appoġġ f'investigazzjonijiet kriminali individwali.

KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP

Kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

Il-Kunsill approva l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-ewwel pagament tal-2015 kif ukoll il-limitu massimu tal-kontribuzzjonijiet għall-2016.

POLITIKA SOĊJALI

UE - Svizzera: koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali

Il-Kunsill adotta Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-UE fil-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-emenda tal-Anness II dwar il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali bejn l-UE u l-Isvizzera (*13888/14*).